MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 292/2006

**Wara l-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru numru 509/06 fl-ismijiet:**

**Philip u Emanuela Bartolo**

**vs**

**Marthese u Tarcisio konjugi Caruana**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mill-konjugi Caruana fl-4 ta' April, 2006, li *in forza* taghha, wara li ppremettew illi:

Fil-mandat ta' sekwestru mahrug fuq talba tal-konjugi Bartolo gie indikat illi l-kreditu pretiz jammonta ghal disghin elf lira (**Lm90,000**) u illi l-kawzali hi *"sehemhom mill-mobilja u kiosk jismu Marea fl-Ghadira, l-Mellieha, kif*

*ukoll tas-sunbeds, umbrelel, beach accessories u stock li jinzamm fl-istess kiosk u l-permessi tal-gestjoni tal-istess kiosk”*.

Il-pretenzjoni ta’ Philip u Emanuela Bartolo hija bla bazi, fattwalment u legalment.

Il-*mobile kiosk in kwistjoni* huwa suggett ghal *Mobile Kiosk Permit* li jinhareg mill-Gvern **lil Marthese Caruana personalment** mix-xahar ta’ Mejju sax-xahar ta’ Settembru, jibda’ u jispicca. Is-sena ta’ wara hija ma jkollhiex dritt awtomatiku ghall-*Mobile Kiosk Permit*, izda trid tapplika ghalih mill-gdid. Fil-permess ikun hemm stipulat: ***“The concession shall hold good during the pleasure of the Government.”*** Kopja ta’ l-ewwel permess mahrug fis-7 ta’ Lulju, 1988 lill-esponenti Marthese Caruana qed tigi hawn annessa bhala Dok. X.

L-unika persuna li ghandha xi titolu *in konnessjoni* mal-*Mobile Kiosk Marea* hija r-rikorrenti Marthese Caruana u hadd aktar. Hija kienet akkwistat l-imsemmi *kiosk* minghand Mario Caruana *in forza* ta’ skrittura privata tad-9 ta’ Lulju, 1988, li kopja taghha qed tigi hawn annessaa bhala Dok. Y.

L-esponenti, filwaqt li tannetti d-dokumenti li jippruvaw dan, issostni li l-konjugi Bartolo m’ghandhomx id-drittijiet li qeghdin jippretendu li ghandhom.

Philip Bartolo dahal bhala garanti ghall-finijiet ta’ self mill-Bank, izda dak il-kreditu tal-Bank thallas u m’ghadx hemm din ir-relazzjoni guridika ta’ Philip Bartolo bhala garanti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, fic-cirkostanzi mhuwiex ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu, u dan *ai termini* tas-subinciz (f) tal-artikolu 836 tal-Kap. 12.

Barra minn hekk, il-premess juri li l-ammont mitlub ta’ Lm90,000 m’huwiex, la *prima facie* u lanqas xort’ohra, gustifikat, u dan *ai termini* tas-subinciz (d) tal-artikolu 836 tal-Kap. 12. Din hija somma fittizja li l-konjugi Bartolo qeghdin jippretendu minghand l-esponenti, li *pero’* ma

ssib l-ebda sostenn jew gustifikazzjoni, la fattwali u wisq inqas legali – l-aktar ghaliex il-Gvern **jirrikonoxxi lill-esponenti Marthese Caruana biss** bhala d-detentur tal-permessi li jinhareg f'Mejju ghall-perjodu stagjonali minn Mejju sa Settembru u wara jigi fix-xejn.

Fl-ahharnett, l-esponenti hija proprjetarja tal-*Mobile Kiosk in kwistjoni* peress li nxtara minnha bl-ghajnuna finanzjarja mill-Bank. Anke s-*sunbeds*, umbrelel u l-oggetti l-ohra jappartjenu lilha biss, kif jirrizulta mill-iskrittura privata tad-9 ta' Lulju, 1988 annessa. Ghalhekk, il-pretensjoni tal-konjugi Bartolo hija infondata fattwalment u legalment – anzi jista' jinghad li hija wahda frivola u vessatorja.

Fil-fatt, il-konjugi Bartolo ma pprezentaw l-ebda dokument mat-talba taghhom li juri li huma ghandhom xi jeddijiet *in konnessjoni* mal-*Mobile Kiosk in kwistjoni*, jew li juri li l-affarijiet m'humiex kif qed jinghad mill-esponenti li huma.

Ghaldaqstant, ladarba s-sekwestranti m'ghandhomx il-jeddijiet li qeghdin jippretendu li ghandhom, l-esponenti titlob bir-rispett illi, *a tenur* ta' l-artikolu 836(1) tal-Kap. 12, din l-Onorabbli Qorti ghandha **tirrevoka l-mandat ta' Sekwestru kawtelatorju interament** minhabba f'dak li hemm mahsub fis-subincizi (f) u (d) tal-artikolu 836 tal-Kap. 12, *cioe'*:

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli;*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv.*

Rat ir-risposta tal-intimati konjugi Bartolo li *in forza* taghha talbu lil din il-Qorti tichad ir-rikors u zzomm firm l-istess mandat ta' sekwestru fuq imsemmi;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi mhux kontestat li r-rikorrenti Marthese Caruana kienet akkwistat koncessjoni mill-Kummissarju tal-Art sabiex tarma *kiosk* ghall-uzu kummercjali fuq sit gewwa l-Ghadira. L-ewwel permess ghall-uzu ta' dan il-*mobile kiosk* hareg fis-7 ta' Lulju, 1988. L-intimati konjugi Bartolo isostnu li ghalkemm il-koncessjoni u l-permess hu fuq isem Marthese Caruana, l-akkwist sar bi shab ma hutha s-subien, u *cioe'*, l-intimat Philip Bartolo u huhom Raymond Bartolo. Dan tal-ahhar hareg minn negozju fl-1989, u minn hemm 'l quddiem in-negozju tmexxa mill-ahwa Marthese Caruana u Philip Bartolo. Dan tammettih ukoll Marthese Caruana li f'ittra tal-legali taghha tal-15 ta' Frar, 2006, taqbel li Philip Bartolo *"dejjem ha parti mill-profitti"*. L-istess Marthese Caruana, *pero'*, ma taqbilx li l-*kiosk* innifsu, l-*istock* u l-avvjament huwa bi shab bejnha u huha l-intimat Philip Bartolo. Din, fil-fatt, hija l-kwistjoni principali bejn il-partijiet, u peress li nqala' disgwid bejniethom, l-intimat Philip Bartolo fetah proceduri gudizzjarji li fihom qed jitlob li jinghata sehemu mill-mobilja u l-*kiosk* jismu *"Marea"*, kif ukoll tal-*istock* u l-permessi tal-gestjoni.

L-intimati konjugi Bartolo isostnu li meta Marthese Caruana akkwistat il-permess ghall-*kiosk* hi agixxiet bhala fiducjarja *ai termini* tal-artikolu 1124A, 1124B u 1871A tal-Kodici Civili. Qabel id-dhul ta' dawn ir-regoli, fis-sistema legali taghna kien ga jezisti l-hekk imsejjah mandatarju *prestanome* – kif qed jigi allegat li kienet il-funzjoni ta' Marthese Caruana. Kif jghallem il-<u>Pothier</u> (*"Mandato", Capo II, Sezione III para. 2 no. 59*), *"se io ho incaricato taluno di comperarmi una certa cosa, il mandatario che si e' incaricato del mio mandato, e che ha comprato e che si e' fatto consegnare la cosa, deve restituirmela, ancorche ne avesse fatto l'acquisto in suo nome"* (ara wkoll <u>"Mamo noe vs Sant Fournier noe"</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-2 ta' Mejju, 1957).

Ovvjament, il-konjugi Bartolo jridu jaghmlu l-prova ta' dan il-mandat u tar-rapport fiducjarju li, skond huma, kien jezisti bejnhom u Marthese Caruana, izda l-Qorti ma tistax f'dawn il-proceduri, tiddeciedi fuq din il-kwistjoni li hija l-meritu principali tal-kawza li hemm bejn il-partijiet. Hawnhekk, il-Qorti taghmel taghha il-kumment li ghamlet din il-Qorti fil-kawza “Malta Shipyards Ltd vs General Workers Union”, fid-decizjoni taghha tat-3 ta' Marzu, 2005, u *cioe'*;

*“Il-Qorti hija tal-fehma mhux biss illi dawn il-kwistjonijiet jehtiegu stharrig aktar fil-fond minn dak li jista' jsir wara smigh prima facie bhala ma seta' jinghata f'dawn il-proceduri, izda wkoll illi decizjoni fuq dawn il-kwistjonijiet, appuntu ghax tehtieg ezami aktar minn fuq bazi prima facie, tippregudika l-meritu tal-kawza bejn il-partijiet qabel ma' dik il-kawza tkun instemghet.*

*Fic-cirkostanzi, ghalhekk, ma hux il-kaz illi jithassar il-mandat f'dan l-istadju u hekk l-intimata tinzamm mill-thares il-pretenzjonijiet taghha”*.

Din il-Qorti tara li, fuq bazi *prima facie,* il-pretensjoni tal-konjugi Bartolo mhux wahda fiergha jew vessatorja, u tara li, fic-cirkostanzi, l-mandat ghandu jinzamm fis-sehh.

L-intimati Bartolo spjegaw ukoll kif waslu ghall-figura ta' Lm90,000 ikkawtelat bil-mandat fuq imsemmi, u minghajr ma tesprimi xi opinjoni dwar il-veracita' ta' dan l-ammont, ma tistax lanqas tghid li hu *prima facie* eccessiv, u *kwindi* t-talba tar-rikorrenti ghat-tnaqqis tas-somma kawtelata ukoll ma tistax tigi milqugha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------